Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1470

24.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1470

tat-23 ta' Lulju 2025

dwar l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tal-listi ta' operaturi u gruppi ta' operaturi u tal-informazzjoni essenzjali relatata maċ-ċertifikat ipprovdut lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi f'konformità mal-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(9), il-punt (b) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 34(6) tar-Regolament (UE) 2018/848, jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu listi aġġornati li jkun fihom l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi li nnotifikaw l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 34(1) ta' dak ir-Regolament. Ir-Regolament (UE) 2018/848 jipprevedi wkoll li l-Istati Membri għandhom jippubblikaw b'mod xieraq, inkluż permezz ta' links għal sit web uniku tal-internet, lista komprensiva ta' dik id-data, flimkien mal-informazzjoni relatata maċ-ċertifikati pprovduti lil dawk l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi f'konformità mal-Artikolu 35(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2023, l-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, l-awtoritajiet ta' kontroll jew il-korpi ta' kontroll ħarġu ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/848 f'forma elettronika, bl-użu tas-Sistema Elettronika tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES) imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (36) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([2]). Bl-iżvilupp ta' TRACES u l-ħruġ elettroniku taċ-ċertifikati f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2119 ([3]), jenħtieġ li dawk iċ-ċertifikati jiġu ġġenerati awtomatikament u ppubblikati mit-TRACES biex tiżdied it-trasparenza tas-sistema ta' kontroll fil-produzzjoni organika, kif ukoll l-informazzjoni dwar l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi li jkunu nnotifikaw l-attivitajiet tagħhom skont dik is-sistema.

(3) Meta jitqies li, f'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi li nnotifikaw l-attivitajiet tagħhom jenħtieġ li jiġu ppubblikati mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi li jkunu ġew eżentati mill-obbligu li jkunu fil-pussess ta' ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 35(8) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom jiġu ppubblikati wkoll mill-Istati Membri b'mod xieraq, inkluż permezz ta' links għal sit web tal-internet uniku. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-thaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC") (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1715/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2119 tal-1 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ċerti rekords u dikjarazzjonijiet meħtieġa mill-operaturi u mill-gruppi ta' operaturi u dwar il-mezzi tekniċi għall-ħruġ taċ-ċertifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 fir-rigward tal-ħruġ taċ-ċertifikati għall-operaturi, għall-gruppi ta' operaturi u għall-esportaturi fil-pajjiżi terzi (ĠU L 430, 2.12.2021, p. 24 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2119/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

(4) Fid-dawl tad-diversi strutturi organizzattivi fi ħdan l-Istati Membri, dawn tal-aħħar jenħtieġ li jiddeterminaw liema korp huwa responsabbli biex jiġi stabbilit u mantnut sit web tal-internet uniku u tiġi ppubblikata d-data. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli għall-pubbliku fuq sit web tal-Kummissjoni, il-links għas-siti web tal-Istati Membri dwar l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi li jkunu ġew eżentati mill-obbligu li jkollhom fil-pussess tagħhom ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 35(8) tar-Regolament (UE) 2018/848. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni mogħtija fuq is-sit web tal-Kummissjoni tkun korretta, jenħtieġ li tiġi definita l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġi stabbilit u aġġornat is-sit web.

(5) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi fir-rigward tar-rekords li, f'konformità mal-Artikolu 35(6) tar-Regolament (UE) 2018/848, huma jżommu biex juru l-konformità mal-obbligu tagħhom li jivverifikaw li ċ-ċertifikati tal-operaturi li huma l-forniturі tagħhom, li l-informazzjoni essenzjali dwar kull ċertifikat ta' operatur jenħtieġ li tibqa' disponibbli għall-pubbliku fi TRACES għal perjodu ta' ħames snin mill-ħruġ taċ-ċertifikati, irrispettivament mill-perjodu ta' validità, it-tiġdid, l-iskadenza, is-sospensjoni jew l-irtirar tagħhom.

(6) Tali informazzjoni essenzjali jenħtieġ li tinkludi n-numru tad-dokument taċ-ċertifikat, l-isem u l-indirizz tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, l-isem tal-awtorità kompetenti, jew, fejn xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, in-numru tal-kodiċi fil-każ tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll, l-attività jew l-attivitajiet tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, il-kategorija jew il-kategoriji ta' prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 35(7) tar-Regolament (UE) 2018/848, id-data tal-ħruġ, il-perjodu ta' validità, jekk applikabbli, id-data tat-tiġdid, tal-iskadenza, tas-sospensjoni jew tal-irtirar u, fejn disponibbli, id-direttorju tal-prodotti u/jew tal-kwantità tal-prodotti.

(7) Huwa meħtieġ perjodu ta' ħames snin biex l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi jkunu jistgħu juru li huma awtorizzati jbigħu prodotti organiċi, inklużi prodotti b'ħajja twila fuq l-ixkaffa. Il-perjodu ta' ħames snin se jżid ukoll it-trasparenza u jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti, jew, fejn xieraq, lill-awtoritajiet ta' kontroll jew lill-korpi ta' kontroll, iwettqu b'mod effettiv il-kontrolli uffiċjali, l-investigazzjonijiet uffiċjali u l-eżerċizzji ta' traċċabbiltà. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u pprovda l-kummenti formali tiegħu fl-14 ta' Jannar 2025.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Produzzjoni Organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Disponibbiltà pubblika ta' ċertifikati maħruġa qabel

1. L-informazzjoni essenzjali dwar iċ-ċertifikati tal-operaturi maħruġa f'konformità mal-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandha tibqa' disponibbli għall-pubbliku fi TRACES għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħruġ ta' dawk iċ-ċertifikati.

2. L-informazzjoni essenzjali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi n-numru tad-dokument taċ-ċertifikat, l-isem u l-indirizz tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, l-isem tal-awtorità kompetenti, jew, fejn xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, in-numru tal-kodiċi tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll, l-attività jew l-attivitajiet tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, il-kategorija jew il-kategoriji ta' prodotti imsemmija fl-Artikolu 35(7) tar-Regolament (UE) 2018/848, id-data tal-ħruġ, il-perjodu ta' validità, jekk applikabbli, id-data tat-tiġdid, tal-iskadenza, tas-sospensjoni jew tal-irtirar u, fejn disponibbli, id-direttorju tal-prodotti u/jew tal-kwantità tal-prodotti.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Artikolu 2

Pubblikazzjoni tal-listi ta' ismijiet u indirizzi ta' operaturi u gruppi ta' operaturi eżentati mill-obbligu li jkollhom ċertifikat fil-pussess tagħhom

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-lista tal-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi li nnotifikaw l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 u li ġew eżentati mill-obbligu li jkollhom ċertifikat fil-pussess tagħhom f'konformità mal-Artikolu 35(8) tar-Regolament (UE) 2018/848, permezz ta' links għal sit web uniku tal-internet kif imsemmi fl-Artikolu 34(6) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 3

Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq sit web tal-Kummissjoni l-links għas-sit web uniku tal-internet relatati mal-listi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-links tal-internet aġġornati skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bil-links għas-sit web uniku tal-internet relatati mal-listi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 malli dawn ikunu ġew stabbiliti kif ukoll kwalunkwe bidla sussegwenti tagħhom li jkollha influwenza fuq l-aċċessibbiltà tas-siti web tagħhom mis-sit web tal-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jinnominaw korp wieħed jew aktar li jkunu responsabbli biex jistabbilixxu u jmantnu s-sit web uniku tal-internet msemmi fl-Artikolu 2. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u bl-indirizzi ta' dawk il-korpi.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN